

Brussell, 5 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9840/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0154 (NLE)

SOC 354
EMPL 224
ECOFIN 683
EDUC 198

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa
Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 4 ta' Ġunju 2025

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni
Ewropea

Suġġett: Proposta għal
DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 230 final.

Mehmuż: COM(2025) 230 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.6.2025
COM(2025) 230 final

2025/0154 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjegi tal-Istati Membri

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jirrikjedi li l-Istati Membri jqisu l-politiki ekonomiċi tagħhom u l-promozzjoni tal-impjiegi bħala kwistjoni ta' interess komuni u li jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom fi ħdan il-Kunsill. Il-Kunsill meħtieġ jadotta linji gwida dwar l-impjiegi (l-Artikolu 148) li jridu jkunu konsistenti mal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi (l-Artikolu 121).

Filwaqt li l-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi huma validi fuq bażi kontinwa, il-linji gwida dwar l-impjiegi jridu jitfasslu kull sena. Iż-żewġ settijiet ta' linji gwida ġew adottati flimkien ("pakkett integrat") fl-2010 u rifdu l-istrateġija Ewropa 2020. Fl-2015 ġew adottati l-linji gwida integrati riveduti. Għal-linji gwida dwar l-impjiegi, mill-2018 ġiet żviluppata Prattika li talterna bejn aġġornament sħiħ (li jkopri kemm il-premessi kif ukoll il-linji gwida proprji) kull sentejn, u "tiġdid" (aġġornament tal-premessi filwaqt li l-linji gwida proprji jibqgħu kif inhuma) fis-sena intermedja. Wara tiġdid li sar fl-2023, meta l-premessi ġew aġġustati biex jirriflettu l-miri ġodda ewlenin tal-UE u dawk nazzjonali dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u inizjattivi riċenti, fl-2024 sar aġġornament sħiħ. L-aġġornament kien jinvolvi ż-żieda ta' referenzi għall-miri nazzjonali tal-2030 (apparti l-miri ewlenin tal-UE), enfasi akbar fuq l-impatt tal-iżviluppi teknoloġiċi u l-intelliġenza artifiċjali (IA), enfasi akbar fuq in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, u attenzjoni akbar fuq il-migrazzjoni legali minn pajjiżi terzi, appartu l-isfruttar tat-talent fl-UE. Bħal fis-snin preċedenti, it-test tal-2024 irrifletta wkoll inizjattivi ta' politika riċenti ta' rilevanza partikolari, bħax-xogħol fuq il-pjattaformi, l-ekonomija soċjali u l-akkomodazzjoni affordabbli. Din is-sena, il-premessi qed jiġu aġġornati biex ikunu jinkludu aktar elementi relatati ma' (i) bidliet fil-kuntest ġeopolitiku (inklużi tensjonijiet fil-politika kummerċjali); (ii) l-inizjattiva tal-Unjoni tal-Ħiliet; (iii) il-kompetittività fid-dawl tal-Boxxla għall-Kompetittività; u (iv) konverġenza soċjali 'l fuq wara t-tieni sena ta' implimentazzjoni tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, li issa huwa inkorporat bis-sħiħ fil-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE.

Flimkien mal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi, il-linji gwida dwar l-impjiegi qegħdin jiġu ppreżentati bħala Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (il-Parti II tal-Linji Gwida Integrati) u jipprovdu l-bażi għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fl-oqsma rispettivi.

Il-"Linji Gwida dwar l-impjiegi" riveduti huma dawn li ġejjin:

Linja Gwida 5: Nagħtu spinta lid-domanda għax-xogħol

Linja Gwida 6: Insaħħu l-provvista tal-ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjiegi, l-akkwizzizzjoni tal-ħiliet tul il-ħajja u l-kompetenzi

Linja Gwida 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali

Linja Gwida 8: Nippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 148(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Regġuni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi ⁽³⁾,

Billi:

- (1) L-Istati Membri u l-Unjoni jridu jaħdmu biex jiżviluppaw strateġija kkoordinata għall-impjiegi u b'mod partikolari għall-promozzjoni ta' forza tax-xogħol b'ħiliet, imħarrġa u adattabbli, kif ukoll swieq tax-xogħol li huma inklużivi, reżiljenti, orjentati lejn il-futur u li jwieġbu għat-tibdil ekonomiku, bil-għan li jintlaħqu l-oġettivi ta' livell massimu ta' impjiegi u progress soċjali, tkabbir ekonomiku bbilanċjat, livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent kif stabbilit fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). L-Istati Membri jridu iqisu l-promozzjoni tal-impjiegi bħala kwistjoni ta' interess komuni u jikkoordinaw l-azzjoni tagħhom f'dak ir-rigward fi ħdan il-Kunsill.
- (2) L-Unjoni trid tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u tippromwovi l-ġustizzja u l-protezzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal kif stabbilit fl-Artikolu 3 tat-TUE. Meta tkun qed tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni trid tqis ir-rekwiżiti relatati mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjeg, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali adegwata, il-għieda kontra l-esklużjoni soċjali, u livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u l-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem kif stabbilit fl-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
- (3) F'konformità mat-TFUE, l-Unjoni żviluppat u implimentat strumenti ta' koordinazzjoni tal-politika għall-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi. Bħala parti minn dawk l-istrumenti, il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri ("il-

¹ Opinjoni ta' (id-data għadha trid tiġi ddeterminata) 2025 (għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).

² Opinjoni ta' (id-data għadha trid tiġi ddeterminata) 2025 (għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).

³ Opinjoni ta' (id-data għadha trid tiġi ddeterminata) 2025 (għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).

Linji Gwida dwar l-Impjiegi”) stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/3134 ⁽⁴⁾, flimkien mal-linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1184 ⁽⁵⁾, jiffurmaw il-Linji Gwida Integrati. Il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi jridu jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-politika fl-Istati Membri u fl-Unjoni, filwaqt li jirriflettu l-interdipendenza bejn l-Istati Membri. Is-sett li jirriżulta ta’ politiki u riformi kkoordinati tal-Unjoni u nazzjonali jikkostitwixxi taħlita kumplessiva xierqa u sostenibbli tal-politika ekonomika, tal-impjiegi u dik soċjali, li jenħtieġ li tikseb effetti konsegwenzjali pożittivi għas-swieq tax-xogħol u għas-soċjetà inġenerali, issaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika u soċjali, u tirispondi b’mod effettiv għall-isfidi fuq terminu medju u itwal, inkluża l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kompetittività, l-inċertezza dwar il-politiki tal-kummerċ globali, kif ukoll l-effetti relatati mal-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-kuntest ġeopolitiku usa’.

- (4) Sabiex jissaħħu l-progress ekonomiku u soċjali u l-konverġenza ’l fuq, jiġu appoġġati t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, jissaħħu l-bażi industrijali tal-Unjoni, il-produttività u l-kompetittività, jiġu indirizzati l-isfidi demografiki, u jinkisbu swieq tax-xogħol inklużivi u reżiljenti fl-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jindirizzaw in-nuqqas ta’ ħaddiema u ta’ ħiliet u jippromwovu impjiegi ta’ kwalità kif ukoll edukazzjoni u taħriġ ta’ kwalità u inklużivi għal kulħadd, skont l-Unjoni tal-ħiliet ⁽⁶⁾, b’enfasi partikolari fuq it-titjib tal-ħiliet bażiċi, abbażi tal-Pjan ta’ Azzjoni dwar il-Ħiliet Bażiċi, kif ukoll tal-ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol, inkluż il-ħiliet diġitali u ekoloġiċi, speċjalment fost l-istudenti u l-adulti żvantaġġati. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu spinta wkoll lill-edukazzjoni u t-taħriġ fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM, Science, Technology, Engineering and Mathematics), skont il-Pjan Strateġiku għall-Edukazzjoni STEM, isaħħu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali orjentati lejn il-futur, u t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja, u jistinkaw biex joħolqu sistemi edukattivi inklużivi, kif ukoll jiżguraw politiki attivi effettivi tas-suq tax-xogħol u kundizzjonijiet tax-xogħol u opportunitajiet ta’ karriera aħjar, filwaqt li jirrispettaw ir-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali. Kif iddikjarat fir-Rakkomandazzjoni dwar l-apprendiment għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli, l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-edukazzjoni u tat-taħriġ b’mod sistematiku f’politiki oħrajn relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika f’perspettiva tul il-ħajja tista’ tappoġġa l-implimentazzjoni ta’ dawk il-politiki. It-tisħiħ ta’ dawn l-elementi huwa ta’ rilevanza partikolari għar-reġjuni inqas żviluppati, remoti u ultraperiferiċi tal-Unjoni, fejn hemm l-akbar ħtiġijiet. In-nuqqasijiet jistgħu jiġu indirizzati aktar billi tittejjeb il-mobbiltà intra-UE ġusta għall-ħaddiema u għall-istudenti u billi jiġi attirat u miżmum it-talent minn barra l-Unjoni. Barra minn hekk, ir-rabtiet bejn is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u s-suq tax-xogħol jenħtieġ li jissaħħu, u l-ħiliet, l-għarfien u l-kompetenzi miksuba permezz tal-apprendiment mhux formali u dak informali jenħtieġ li jiġu validati u rikonossuti.

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/3134 tat-2 ta’ Diċembru 2024 dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (ĠU L, 2024/3134, 13.12.2024).

⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1184 tal-14 ta’ Lulju 2015 dwar linji gwida ġenerali għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 192, 18.7.2015, p. 27).

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta’ Marzu 2025, bit-titolu “L-Unjoni tal-Ħiliet” (COM(2025) 90 final).

- (5) Il-Linji Gwida dwar l-Impjiegi huma konsistenti mal-qafas il-ġdid ta' governanza ekonomika tal-Unjoni, li daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2024 ⁽⁷⁾, u mal-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni u ma' diversi inizjattivi tal-Unjoni, inklużi r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 ⁽⁸⁾, tad-29 ta' Novembru 2021 ⁽⁹⁾, tal-5 ta' April 2022 ⁽¹⁰⁾, tas-16 ta' Ġunju 2022 ⁽¹¹⁾, tat-28 ta' Novembru 2022 ⁽¹²⁾, tat-8 ta' Diċembru 2022 ⁽¹³⁾, tat-30 ta' Jannar 2023 ⁽¹⁴⁾, tat-12 ta' Ġunju 2023 ⁽¹⁵⁾ u tas-27 ta' Novembru 2023 ⁽¹⁶⁾, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/402 ⁽¹⁷⁾, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2021 ⁽¹⁸⁾, il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2021 bit-titolu "Bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali", tat-30 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021–2027", tat-3 ta' Marzu 2021 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030", tas-7 ta' Settembru 2022 dwar Strateġija Ewropea għall-Kura, tal-1 ta' Frar 2023 bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti", tal-25 ta' Jannar 2023 dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea, tal-11 ta' Ottubru 2023 bit-titolu "It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni", tat-28 ta' Settembru 2022 bit-titolu "Valutazzjoni aħjar tal-impatt distributtiv tal-politiki tal-Istati Membri", tal-20 ta' Marzu 2024 bit-titolu "Nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE pjan ta' azzjoni", u tal-5 ta' Marzu 2025 dwar

⁷ Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>).

⁸ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14).

⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2021 dwar approċċi ta' taġlim imħallas għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva (ĠU C 504, 14.12.2021, p. 21).

¹⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja (ĠU C 160, 13.4.2022, p.1).

¹¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 1), ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 10), ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 26), u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 35).

¹² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2022 dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 dwar linji politiki sabiex jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskejjel (ĠU C 469, 9.12.2022, p. 1).

¹³ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja (ĠU C 476, 15.12.2022, p. 1) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030 (ĠU C 484, 20.12.2022, p. 1).

¹⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2023 dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva (ĠU C 41, 3.2.2023, p.1).

¹⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2023 dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-Unjoni Ewropea (ĠU C, C/2023/1389, 6.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1389/oj>).

¹⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2023 dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali (ĠU C, C/2023/1344, 29.11.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2023/1344/oj>).

¹⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/402 tal-4 ta' Marzu 2021 dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE) (ĠU L 80, 8.3.2021, p. 1).

¹⁸ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021–2030), (ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1).

l-Unjoni tal-Ħiliet, id-Deċiżjonijiet (UE) 2021/2316 ⁽¹⁹⁾ u (UE) 2023/936 ⁽²⁰⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Direttivi (UE) 2022/2041 ⁽²¹⁾, (UE) 2022/2381 ⁽²²⁾, (UE) 2023/970 ⁽²³⁾ u (UE) 2024/2831 ⁽²⁴⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

- (6) Is-Semestru Ewropew jiġbor flimkien diversi strumenti f'qafas ġenerali għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza multilaterali integrati tal-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi fi ħdan l-Unjoni. Is-Semestru huwa allinjat mal-Boxxla għall-Kompetittività li tipprovdi qafas biex tingħata spinta lill-kompetittività billi jitnaqqas id-distakk fl-innovazzjoni, tiġi dekarbonizzata l-ekonomija tagħna, jitnaqqsu d-dipendenzi eċċessivi u tiżdied is-sigurtà, u tistabbilixxi faċilitaturi orizzontali li jinkludu l-ħiliet, l-impjiegi ta' kwalità u l-ġustizzja soċjali. Is-Semestru jintegra l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni f'Novembru 2017 ⁽²⁵⁾ (il-“Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali”), u l-għodda ta' monitoraġġ tiegħu, it-tabella ta' valutazzjoni soċjali, u jippermetti wkoll li ssir analiżi tar-riskji u tal-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Unjoni, u jipprevedi involviment qawwi mas-sħab soċjali, mas-soċjetà ċivili u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn. Is-Semestru Ewropew jappoġġa wkoll it-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli stabbiliti min-Nazzjonijiet Uniti. Il-politiki ekonomiċi u dwar l-impjiegi tal-Unjoni u tal-Istati Membri jenħtieġ li jimxu id f'id mat-tranżizzjoni ġusta tal-Unjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima, ambjentalment sostenibbli u diġitali, itejbu l-kompetittività u l-produttività, jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, irawmu l-innovazzjoni, jippromwovu d-demokrazija fuq il-post tax-xogħol, id-djalogu soċjali, il-ġustizzja soċjali, l-opportunitajiet indaqs u l-konverġenza soċjoekonomika 'l fuq, jindirizzaw l-inugwaljanzi u d-disparitajiet reġjonali, u jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali.
- (7) It-tibdil fil-klima u sfidi oħrajn relatati mal-ambjent, il-ħtieġa li tiġi żgurata tranżizzjoni ekoloġika ġusta, l-indipendenza enerġetika u t-tisħiħ fil-kompetittività tal-industriji b'emissjonijiet żero netti, is-sovranià teknoloġika, u l-ħtieġa li jiżdied l-infiq fid-difiża u tiġi żgurata l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Ewropa, kif ukoll il-bidliet demografiċi u l-iżvilupp tad-diġitalizzazzjoni, inklużi l-intelliġenza artifiċjali, il-ġestjoni algoritmika, l-ekonomija tal-pjattaformi u t-telexogħol qed jittrasformaw bil-kbir l-ekonomiji u s-soċjetajiet fl-Unjoni. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jridu jaħdmu flimkien biex jindirizzaw b'mod effettiv u proattiv dawn l-iżviluppi strutturali u jadattaw is-sistemi eżistenti kif meħtieġ, filwaqt li jirrikonoxxu l-interdipendenza mill-qrib tal-ekonomiji u s-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri u l-politiki relatati. Dan

¹⁹ Id-Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022) (ĠU L 462, 28.12.2021, p. 1).

²⁰ Id-Deċiżjoni (UE) 2023/936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet (ĠU L 125, 11.5.2023, p. 1).

²¹ Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33).

²² Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2022/2381 tat-23 ta' Novembru 2022 dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta' kumpanniji elenkati u miżuri relatati (ĠU L 315, 7.12.2022, p. 44).

²³ Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħa l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar (ĠU L 132, 17.5.2023, p. 21).

²⁴ Id-Direttiva (UE) 2024/2831 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi (ĠU L, 2024/2831, 11.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/2831/oj>).

²⁵ Il-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10).

jirrikjedi azzjoni ta' politika kkoordinata, ambizzjuża u effettiva kemm fil-livelli tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol tas-sħab soċjali, f'konformità mat-TFUE u mad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-governanza ekonomika, filwaqt li jitqies il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Azzjoni politika bħal din jenħtieġ li tkun tinkludi spinta fl-investiment sostenibbli fir-reġjuni kollha tal-Unjoni, impenn imġedded għal riformi u investimenti b'sekwenza xierqa li jtejjbu t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, il-ħiliet, il-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità, il-produttività, il-kompetittività, u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, il-koeżjoni soċjali u territorjali, il-konverġenza soċjoekonomika 'l fuq, ir-reżiljenza u l-eżerċitar tar-responsabbiltà fiskali. Jenħtieġ li jingħata appoġġ mill-programmi ta' finanzjament eżistenti tal-Unjoni, u b'mod partikolari mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁶⁾ u mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew Plus stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁷⁾ u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali rregolat mir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁸⁾, kif ukoll il-Fond Soċjali għall-Klima stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁹⁾ u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁰⁾. Jenħtieġ li l-azzjoni ta' politika tikkombina miżuri min-naħa tal-provvista u min-naħa tad-domanda, filwaqt li tqis l-impatti ekonomiċi, ambjentali, tal-impjiegi u soċjali ta' dawn il-miżuri.

- (8) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jistabbilixxi 20 prinċipju u dritt biex jappoġġaw swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jiffunzjonaw tajjeb, strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u protezzjoni u inklużjoni soċjali. Dawk il-prinċipji u d-drittijiet jagħtu direzzjoni strateġika lill-Unjoni, filwaqt li jiżguraw li t-tranżizzjonijiet lejn in-newtralità klimatika, is-sostenibbiltà ambjentali u d-diġitalizzazzjoni, u l-impatt tat-tibdil demografiku jkunu soċjalment ekwi u ġusti u jippreservaw il-koeżjoni territorjali. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, flimkien mat-tabella ta' valutazzjoni soċjali li takkumpanjah, jikkostitwixxi gwida biex jimmonitorja l-impjiegi, il-ħiliet u l-prestazzjoni soċjali tal-Istati Membri, inkluża l-konverġenza soċjali 'l fuq fl-Unjoni, fi ħdan is-Semestru Ewropew, jixpruna r-riformi u l-investimenti fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali u jirrikonċilja d-dimensjoni "soċjali" u "tas-suq" fl-ekonomija moderna tal-lum il-ġurnata, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-ekonomija soċjali. Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-"Pjan ta' Azzjoni"), inklużi miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw

²⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

²⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21).

²⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60).

²⁹ Ir-Regolament (UE) 2023/955 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060 (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 1-51).

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).

f'taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom 5 miljun tifel u tifla) (il-“miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030”) u sottomiri komplementari, kif ukoll tabella ta' valutazzjoni soċjali riveduta.

- (9) Kif rikonoxxut mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern fis-Summit Soċjali ta' Porto tat-8 ta' Mejju 2021, l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali se ssaħħaħ l-isforz tal-Unjoni għal tranżizzjoni diġitali, ekoloġika u ġusta u se tikkontribwixxi għall-kisba ta' konverġenza soċjali u ekonomika 'l fuq u l-indirizzar tal-isfidi demografiċi. Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern enfasizzaw li d-dimensjoni soċjali, id-djalogu soċjali u l-involvement attiv tas-sħab soċjali huma fil-qalba ta' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, u laqgħu b'sodisfazzjon il-miri ewlenin il-ġodda tal-Unjoni. Affermaw id-determinazzjoni tagħhom, kif stabbilit mill-Aġenda Strateġika tal-Kunsill Ewropew 2019–2024, li jkomplu japprofondixxu l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livelli tal-Unjoni u nazzjonali, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi rispettivi u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Fl-aħħar, enfasizzaw l-importanza li jiġi segwit mill-qrib, anke fl-oġġla livell, il-progress miksub lejn l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030.
- (10) Il-miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030 intlaqgħu b'sodisfazzjon mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern fis-Summit Soċjali ta' Porto u mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021. Dawn jgħinu, flimkien mat-tabella ta' valutazzjoni soċjali, fil-monitoraġġ tal-progress lejn l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali bħala parti mill-qafas tal-koordinazzjoni tal-politika fis-Semestru Ewropew. Barra minn hekk, is-Summit Soċjali ta' Porto appella wkoll lill-Istati Membri biex jistabbilixxu miri nazzjonali ambizzjużi li, meta titqies kif xieraq il-pożizzjoni inizjali ta' kull pajjiż, jenħtieġ li jikkostitwixxu kontribut adegwat għall-ilħuq tal-miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030. L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-progress fir-rigward tal-miri ewlenin tal-Unjoni u dawk nazzjonali għall-2030 hija mmonitorjata fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi adottat mill-Kunsill f'Marzu 2025 (ir-“Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2025”), u hija integrata fl-għodod ta' monitoraġġ għas-Semestru Ewropew. Mill-edizzjoni tal-2024 tiegħu 'l hawn, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fih “analiżi tal-ewwel stadju tal-pajjiż” dwar ir-riskji potenzjali għal konverġenza soċjali 'l fuq skont il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali li jidentifika l-Istati Membri li jesperjenzaw riskji potenzjali li għandhom jiġu eżaminati f’“analiżi tat-tieni stadju” aktar profonda. Fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2025, għall-ewwel ġew identifikati 10 Stati Membri, u l-konklużjoni tal-analiżi aktar profonda wriet li l-isfidi kumplessivi ġew ikkonfermati għal 3 minnhom.
- (11) Wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill Ewropew ikkundanna l-azzjonijiet tar-Russja, li qed jippruvaw jimminaw is-sigurtà u l-istabbiltà Ewropea u dinjija, u esprima solidarjetà mal-poplu Ukren, filwaqt li ssottolinja l-ksur, min-naħa tar-Russja, tad-dritt internazzjonali u tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Fil-kuntest attwali, il-protezzjoni temporanja, kif mogħtija bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 ⁽³¹⁾ u estiża bid-deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE)

³¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influż bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1).

2024/1836 ⁽³²⁾, toffri assistenza fl-Unjoni lill-persuni spostati mill-Ukrajna u tippermettilhom igawdu minn drittijiet minimi madwar l-Unjoni kollha li joffru livell adegwat ta' protezzjoni. Billi jipparteċipaw fis-swieq tax-xogħol tal-Unjoni, il-persuni spostati mill-Ukrajna jistgħu jkomplu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-ekonomija tal-Unjoni u għall-appoġġ ipprovdut lil pajjiżhom u lin-nies ta' pajjiżhom. Fil-futur, l-esperjenza u l-ħiliet miksuba jistgħu jikkontribwixxu għall-bini mill-ġdid tal-Ukrajna. Għat-tfal u l-adolexxenti mhux akkumpanjati, il-protezzjoni temporanja tagħti d-dritt għall-kustodja legali u għall-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura tat-tfal. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jinvolvu lis-sħab soċjali fit-tfassil, fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-miżuri ta' politika li l-għan tagħhom huwa li jindirizzaw l-isfidi marbuta mal-impjiegi u mal-ħiliet, inkluż ir-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-persuni spostati mill-Ukrajna. Is-sħab soċjali għandhom rwol ewlieni fil-mitigazzjoni tal-impatt ta' dik il-gwerra f'termini ta' preservazzjoni tal-impjiegi u tal-produzzjoni.

- (12) Ir-riformi fis-suq tax-xogħol, inklużi l-mekkaniżmi nazzjonali għall-iffissar tal-pagi, jenħtieġ li josservaw il-prattiki nazzjonali tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv, kif ukoll l-awtonomija tas-sħab soċjali, bil-għan li jiġu pprovduti pagi ġusti li jippermettu standard tal-għajxien deċenti, anke meta dak li jkun joħroġ bil-pensjoni, tkabbir sostenibbli u konverġenza soċjoekonomika 'l fuq. Riformi bħal dawn jenħtieġ li jippermettu kunsiderazzjoni wiesgħa tal-fatturi soċjoekonomiċi, inkluż it-titjib fis-sostenibbiltà, fil-kompetittività u fl-innovazzjoni, il-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, id-demokrazija fuq il-post tax-xogħol, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-faqar fost dawk li jaħdmu, edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, is-saħħa pubblika, il-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali, il-bidla demografika u l-promozzjoni ta' pensjonijiet supplimentari, kif ukoll introjti reali. L-importanza tad-djalogu soċjali biex jiġu indirizzati l-isfidi fid-dinja tax-xogħol, inkluż in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet, ġiet affermata mill-ġdid fis-Summit ta' Val Duchesse tal-2024 u fil-Patt għad-djalogu Soċjali Ewropew iffirmit f'Marzu 2025.
- (13) Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni qed jappoġġaw lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' riformi u ta' investimenti skont il-prijoritajiet tal-Unjoni, u b'hekk l-ekonomiji u s-soċjetajiet fl-Unjoni jsiru aktar sostenibbli u reżiljenti u jkunu ppreparati aħjar għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kompliet taggrava l-isfidi soċjoekonomiċi li kienu diġà jeżistu, inkluż il-faqar enerġetiku permezz ta' prezzijiet oġhla tal-enerġija, filwaqt li l-inċertezzi fil-kummerċ globali u b'mod aktar wiesa' mill-kuntest ġeopolitiku, jipperikolaw it-tkabbir. L-Istati Membri u l-Unjoni jenħtieġ li jkomplu jiżguraw li l-impatti soċjali, tal-impjeg u ekonomiċi jittaffew u li t-tranżizzjonijiet ikunu soċjalment ekwi u ġusti, anke fid-dawl tal-fatt li żieda fl-awtonomija strateġika miftuħa u tranżizzjoni ekoloġika aċċellerata se jgħinu biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija u ta' prodotti u teknoloġiji strateġiċi oħrajn. It-tisħiħ tar-reżiljenza u l-insewiment ta' soċjetà inklużiva li fiha n-nies huma protetti u mogħtija s-setgħa biex jantiċipaw u jiġġestixxu l-bidla, u li fiha jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà u fl-ekonomija, huma essenzjali.
- (14) Jeħtieġ sett koerenti ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol, li jikkonsisti minn inċentivi temporanji u mmirati għar-reklutaġġ u t-tranżizzjoni, politiki dwar il-ħiliet, inkluż l-

³² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1836 tal-25 ta' Ġunju 2024 li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 (ĠU L, 2024/1836, 3.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/20234/1836/oj).

apprendiment immirat għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli, arranġamenti flessibbli għall-irtirar, u servizzi mmirati, effettivi u adattabbli għall-impjiegi, biex jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol u jsir użu sħiħ mill-potenzjal mhux sfruttat tas-suq tax-xogħol, bi qbil ukoll mal-approċċ ta' inklużjoni attiva u fid-dawl tat-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, kif ġie enfasizzat, fost l-oħrajn, fid-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe tal-2024 dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁽³³⁾. Jenħtieġ li jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, li jinkludu kemm is-saħħa fiżika kif ukoll dik mentali tal-ħaddiema.

- (15) Jenħtieġ li tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha, tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiġi appoġġat l-impjeg ta' gruppi li huma sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol. Jenħtieġ li jiġu żgurati aċċess u opportunitajiet ugwali għal kulħadd, u l-faqar u l-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari tat-tfal, tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni Rom, jenħtieġ li jitnaqqsu, b'mod partikolari billi jiġi żgurat funzjonament effettiv tas-swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati u inklużivi, kif stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019⁽³⁴⁾ u tat-30 ta' Jannar 2023⁽³⁵⁾. Barra minn hekk, jenħtieġ li jitneħħew l-ostakli għall-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità għolja inklużivi u orjentati lejn il-futur, għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. L-Istati Membri jenħtieġ li jinvestu f'edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal, skont il-Garanzija Ewropea għat-Tfal u r-Rakkomandazzjoni dwar il-“miri ta' Barċellona għall-2030”, biex l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jsiru aktar attraenti u inklużivi, skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020⁽³⁶⁾, u fil-ħiliet diġitali u ekoloġiċi, skont il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali u r-Rakkomandazzjonijiet dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli u dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola. L-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u adegwata, inkluż permezz ta' akkomodazzjoni soċjali, huwa kundizzjoni meħtieġa biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs. Il-problema tal-persuni mingħajr dar jenħtieġ li tiġi indirizzata, speċifikament permezz ta' miżuri ta' prevenzjoni u tal-promozzjoni tal-aċċess għal akkomodazzjoni permanenti, u tal-għoti ta' servizzi ta' appoġġ abilitanti. Huwa partikolarment rilevanti l-aċċess f'waqtu u ugwali għal kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja, skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022⁽³⁷⁾, u għal servizzi tal-kura tas-saħħa, inklużi l-prevenzjoni u l-promozzjoni tal-kura tas-saħħa, fid-dawl tar-riskji potenzjali għas-saħħa fil-futur u f'kuntast ta' soċjetajiet li qegħdin jixxjeħu. Il-potenzjal tal-persuni b'diżabbiltà li jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku u għall-iżvilupp soċjali jenħtieġ li jkompli jiġi realizzat, skont l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, li stiednet lill-Istati Membri jistabbilixxu miri għall-impjiegi u l-apprendiment għall-adulti għall-persuni b'diżabbiltà. Il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-

³³ Iffirmata mir-Renju tal-Belġju f'isem 25 Stat Membru.

³⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (ĠU C 387, 15.11.2019, p. 1).

³⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2023 dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva (ĠU C 41, 3.2.2023, p.1).

³⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1).

³⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja (ĠU C 476, 15.12.2022, p. 1).

Rom ⁽³⁸⁾ jenfasizza l-kapaċità fi ħdan il-komunitajiet Rom emarġinati li jtaffi n-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet u għandu l-għan li jnaqqas id-differenza fl-impjiegi bejn ir-Rom u l-popolazzjoni ġenerali mill-inqas bin-nofs. It-teknoloġiji l-ġodda u l-postijiet tax-xogħol li qed jevolvu madwar l-Unjoni kollha jippermettu li jkun hemm arranġamenti tax-xogħol aktar flessibbli kif ukoll titjib fil-produttività u fil-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, filwaqt li jikkontribwixxu għall-impjenji ekoloġiċi tal-Unjoni. Dawk l-iżviluppi jgħibu wkoll sfidi ġodda għas-swieq tax-xogħol, li jaffettwaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u l-aċċess effettiv għall-protezzjoni soċjali adegwata għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom. L-Istati Membri, f'kollaborazzjoni mas-sħab soċjali, jenħtieġ li jiżguraw li l-forom ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol jissarrfu f'impjiegi ta' kwalità u f'postijiet tax-xogħol u kundizzjonijiet tax-xogħol sani u siguri, kif ukoll f'bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, f'tixjijih attiv u san filwaqt li jżommu d-drittijiet soċjali u tax-xogħol stabbiliti u jsaħħu l-mudell soċjali tal-Unjoni.

- (16) Il-Linji Gwida Integrati jenħtieġ li jservu ta' bażi għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li l-Kunsill jindirizza lill-Istati Membri. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u minn fondi oħrajn tal-Unjoni, fosthom il-Fond Soċjali għall-Klima, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u InvestEU stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁹⁾, kif ukoll l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex irawmu impjiegi ta' kwalità u investimenti soċjali, biex jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni, biex jiżguraw l-aċċessibilità u l-inklużjoni, u biex jipromwovu opportunitajiet ta' tiġdid u ta' titjib tal-ħiliet għall-forza tax-xogħol, apprendiment tul il-ħajja u edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja għal kulħadd, inkluż il-litteriżmu u l-ħiliet diġitali sabiex iċ-ċittadini jingħataw is-setgħa bl-għarfien u bil-kwalifiki meħtieġa għal ekonomija diġitali, ekoloġika u kompetittiva. L-emendi introdotti bir-Regolament (UE) 2024/795 li jstabbilixxi Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP, Strategic Technologies for Europe Platform) u l-Komunikazzjoni riċenti tal-Kummissjoni dwar il-Politika ta' Koeżjoni mmodernizzata: Ir-rieżami ta' nofs it-terminu għandu l-għan li jallinja l-appoġġ iprovdut ma' prijoritajiet strateġiċi ġodda, inkluż li jindirizza n-nuqqas ta' ħiliet f'ċerti setturi, bħall-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi, l-industrija tad-difiża u s-setturi affettwati mid-dekarbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu wkoll użu sħiħ mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁰⁾ biex jappoġġaw lill-ħaddiema li jkun n-għataw is-sensja b'riżultat ta' avvenimenti maġġuri ta' ristrutturar, bħat-trasformazzjonijiet soċjoekonomiċi li huma r-riżultat ta' xejriet globali u bidliet teknoloġiċi u ambjentali. Filwaqt li l-Linji Gwida Integrati huma indirizzati lill-Istati Membri u lill-Unjoni, dawn jenħtieġ li jiġu implimentati fi

³⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ottubru 2020, bit-titolu "Unjoni tal-Ugwaljanza: Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni" (COM(2020) 620 final), u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2021 dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom (ĠU C 93, 19.3.2021, p. 1).

³⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jstabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

⁴⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48).

sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kollha, bl-involviment mill-qrib tal-parlamenti, kif ukoll tas-sħab soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

(17) Il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jenħtieġ li jimmonitorjaw kif jiġu implimentati l-politiki rilevanti fid-dawl tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, bi qbil mal-mandati rispettivi skont it-TFUE. Dawk il-kumitati u l-korpi preparatorji tal-Kunsill involuti fil-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi u soċjali jenħtieġ li jaħdmu flimkien mill-qrib. Id-djalogu ta' politika bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenħtieġ li jibqa' għaddej, b'mod partikolari fir-rigward tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi.

(18) Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali ġie kkonsultat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Linji Gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni (UE) 2024/3134, qegħdin jinżammu għall-2025 u għandhom jitqiesu mill-Istati Membri fil-politiki dwar l-impjiegi u fil-programmi tar-riformi tagħhom.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President